MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 886/2002/1

**Ignazio Delia**

**Vs**

**Jesmond Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ mitejn u hmistax-lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm215.38) hlas dovut bhala danni li saru fil-karrozza tal-attur bin-numru DAP 642, liema danni gew ikkagunati f’incident tat-traffiku li sehh fi Triq Ghajn Dwieli, Rahal Gdid minhabba tort imputabbli lill-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta r-responsabbiilta ghall-incident meritu tal-kawza.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. L-incident tat-traffiku meritu tal-kawza sehh f’, Rahal Gdid. L-attur kien qieghed isuq vettura tal-marka Maruti 800 bin-numru NAZ 916, filwaqt li l-konvenut kien qieghed isuq trukk bin-numru DAP 642.

2. It-Tribunal jemmen li l-verzjoni tal-fatti kif deskritta mill-attur hija dik l-iktar verosimili. Verzjoni li giet ukoll korroborata minn Anthony Cutajar li nzerta kien passiggier fil-vettura misjuqa mill-attur. Ma tressqet l-ebda raguni ghalfejn it-Tribunal m’ghandux jemmen il-verzjoni tal-fatti kif deskritta minn dan ix-xhud li l-kredibilita tieghu ma giet bl-ebda mod skossa.

Mill-provi jidher li t-trukk ipprova jaghmel manvra ta’ sorpass minn mal-vettura misjuqa mill-attur, u spicca biex laqat il-parti ta’ quddiem ta’ din il-vettura.

Il-konvenut xehed fis-seduta tas-16 ta’ Ottubru 2002 u spjega li l-vettura misjuqa mill-attur kienet wieqfa mal-gemb tat-triq, u sahansitra ndika fuq l-iskizz a fol. 20 fejn kienet ipparkjata l-vettura tal-attur qabel ma sehh l-incident. Fl-okkorrenza li saret mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz ma saret l-ebda riferenza f’dan ir-rigward. Ighid ukoll li meta sehh l-incident kien kwazi hareg minn fuq ir-roundabout. Kieku kif xehed il-konvenut l-attur kien ipparkjat f’dik il-parti tat-triq fejn indika fuq l-iskizz a fol. 20, l-incident ma setax isehh meta l-konvenut kien ghadu fuq ir-roundabout. Anke f’dan ir-rigward it-Tribunal jemmen li t-tezi tal-konvenut tfalli.

3. Irid jigi osservat ukoll li skond ix-xhieda moghtija mill-konvenut, huwa kien fuq il-parti ta’ gewwa tar-roundabout. Issa skond il-Highway Code:

*"where there are two lanes at the entrance to a roundabout, unless signs or road markings indicate otherwise:*

*omissis*

*when going forward:*

***approach in the left-hand lane**; keep to that lane in the roundabout……"*.

Mix-xhieda moghtija mill-attur jidher li huwa kien qieghed izomm mal-parti ta' gewwa tar-roundabout.

4. B'riferenza ghad-danni sofferti mill-attur, ma tressqet l-ebda kontestazzjoni min-naha tal-konvenut u dawn jirrizultaw sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u hmistax-il lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm213.38) danni sofferti f'incident tat-traffiku li sehh fit-13 ta' Frar 2002 u li ghalih kien unikament responsabbli l-konvenut.

Bl-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**